MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Rikors Kongunt Numru. 528/2013

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

Illi l-partijiet izzewwgu nhar il-5 ta’ Dicembru 1998 fil-knisja tal-Qalb ta’ Gesu, Haz-Zebbug (certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A), minn liema zwieg kellhom tifel wiehed li jismu G li twieled fl-4 ta’ Dicembru 2000;

Illi l-partijiet isseparaw konsenswalment permezz ta’ kuntratt tal-11 ta’ Gunju 2009 ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr Thea Cachia, kopja ta’ liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata Dok B;

Illi skont l-istess kuntratt ta’ separazzjoni, l-esponent Richard Attard obbliga ruhu li jhallas manteniment is-somma ta’ erba’ mija u sittin ewro (€460.00) fix-xahar ghal binhom il-minuri, filwaqt l-manteniment dovut lill-esponenti Miriam Attard gie saldat minnufih permezz tat-trasferiment tan-nofs indiviz tad-dar matrimonjali u ta’ garaxx appartenenti lill-esponent AB gewwa H’Attard minnu lil CB;

Illi dan il-hlas mensili huwa adegwat hekk kif konkordat bejn il-partijiet fl-att fuq imsemmi u l-esponent Richard Attard regolarment ihallas dan l-ammont kif obbligat;

Illi l-partijiet qatt ma ghexu flimkien sa mis-separazzjoni de facto taghhom tat-23 ta’ Jannar 2009;

Illi l-partijiet qeghdin jghixu hajja totalment indipendenti minn xulxin u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-partijiet jixtiequ jhollu z-zwieg fuq imsemmi;

Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi :

1. Ghaddew aktar minn erba’ (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali;
2. Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;
3. Il-manteniment dovut huwa wiehed adegwat u qieghed jithallas regolarment;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tordna li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar il-5 ta’ Dicembru 1998 jigi mahlul;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien iffissat minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Ottubru, 2013;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi huma isseparaw konsenswalment fil-11 ta' Gunju 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------